**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 23 ta' Lulju 2018**

**Rikors Numru 19/2018**

**Irina Kalyniuk**
**Vs**
**Il-Kummissarju tar-Refugjati**

***Digriet Kamerali moghti llum 23 ta' Lulju 2018.***

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ta' **Irina Kalyniuk** pprezentat fil-5 ta' Marzu 2018 li permezz tieghu ppremettiet is-segwenti:-

*"ILLI Kalyniuk Irina, detentrici tal-permess ta' residenza numru 151903A flimkien ma' binha minuri Pankevych Liubomyr, detentur tal-permess ta' residenza numru 151911A waslu Malta b'visa mahruga mill-Polonja nhar il-25 ta' Marzu 2013. Kalyniuk Irina ma kinitx ixxurtjata fil-hajja matrimonjali taghha u kellha problemi serjissimi ma' zewgha fejn kellha tiehu d-divorzju minn mieghu fis-sena elfejn u ghaxra (2010);*

*ILLI Kalyniuk Irina u flimkien ma' binha cioe' Pankevych Liubomyr (minuri) kienet ghaddejja minn zmien difficli fejn ir-ragel taghha kien serjament jheddidha b'hajjitha u ma kellhiex triq ohra hlief li titlob l-ghajnuna tal-unici familjari taghha li jinsabu jirrisjedu gewwa Malta biex tkun tista' tibqa' hawnhekk bi protezzjoni umanitarja;*

*ILLI Kalyniuk Irina u flimkien ma' binha cioe' Pankevych Liubomyr (minuri) iddecidiet, ghax ma kellhiex triq ohra x'taghzel, illi thalli l-pajjiz originali taghha u cioe' l-Ukrajna u titrasferixxi ruhha flimkien ma' binha gewwa Malta minhabba t-theddid serju li bdiet issofri;*

*ILLI Kalyniuk Irina u flimkien ma' binha Pankevych Liubomyr (minuri) kellhom il-visa taghhom mahruga mill-Polonja b'validita' sax-xahar ta' Lulju elfejn u tlettax (2013);*

*ILLI Kalyniuk Irina u flimkien ma' binha cioe' Pankevych Liubomyr (minuri) wara li ghelbu l-biza' li kienet hakmithom ghamlu kuragg u talbu ghall-azil gewwa Malta fil-11 ta' Dicembru elfejn u hmistax (2015);*

*ILLI l-appellanti Kalyniuk Irina u flimkien ma' binha cioe' Pankevych Liubomyr (minuri) inghataw Protezzjoni Umanitarja Temporanja mill-Kummissarju tar-Refugjati nhar it-tnejn (2) ta' Marzu elfejn u sbatax (2017) fuq il-fatti msemmija hawn fuq u cioe' li kellha l-problemi ma' zewgha u ma kellhiex triq ohra hlief li titlob ukoll l-ghajnuna u l-assistenza finanzjarja tal-unici familjari taghha li jinsabu jirrisjedu gewwa Malta;*

*ILLI Kalyniuk Irina u flimkien ma' binha cioe' Pankevych Liubomyr (minuri) inghataw dokument mill-Kummissarju tar-Refugjati b'numri 19866 u 19867 rispettivament. Tali dokumenti cioe' d-dokumenti mahruga mill-Kummissarju tar-Refugjati numerate 19866 u 19867 mahruga f'isem Kalyniuk Irina u flimkien ma' binha cioe' Pankevych Liubomyr (minuri) rispettivament kienu validi sat-tnejn (2) ta' Marzu elfejn u tmintax (2018);*

*ILLI nhar is-sittax (16) ta' Frar tas-sena elfejn u tmintax (2018) l-imsemmija appellanti Kalyniuk Irina u flimkien ma' binha cioe' Pankevych Liubomyr (minuri) intalbu jmorru l-ufficcju tal-Kummissarju tar-Refugajti. L-isemmija appellanti hekk ghamlu, u rrapurtaw l-ufficcju tal-Kummissarju tar-Refugjati bhalma ghamlu dejjem u cioe' obdew l-istruzzjonijiet tal-Awtoritajiet Kompetenti;*

*ILLI l-persuni li kellmuhom gewwa l-Ufficcju tal-Kummissarju tar-Refugjati nhar is-sittax (16) ta' Frar tas-sena elfejn u tmintax (2018), ghaddewlhom ittra backdated datata sebgha u ghoxrin (27) ta' Settembru elfejn u sbatax (2017) mahruga mill-Kummissarju tar-Refugjati sabiex tinforma lil Kalyniuk Irina flimkien ma' binha cioe' Pankevych Liubomyr (minuri) li fl-'opinjoni' tal-istess Kummissarju tar-Refugjati r-ragunijiet li a bazi taghhom huma kienu nghataw Protezzjoni Umanitarja Temporanja m'ghadhomx jissussistu;*

*ILLI tajjeb jigi nnutat illi l-kundizzjonijiet ta' Kalyniuk Irina u ta' binha Pankevych Liubomyr (minuri) ma nbidlu qatt minn meta nghataw din il-protezzjoni u ghadhom fl-istess sitwazzjoni li kienu jinsabu fiha madwar sena ilu;*

*ILLI llum Pankevych Liubomyr (minuri) jattendi l-iskola Sekondarja bl-isem ta' Kullegg Maria Regina Zokrija Mosta u jidher illi ntegra sew fis-sistema edukattiva nazzjonali tant li sahansitra f'Mejju tas-sena elfejn u tmintax (2018) ser ipoggi ghall-ezamijiet tal-Matrikola (MATSEC);*

*ILLI l-esponenti qieghda thossha serjament ippregudikata u mweggha bil-mod dwar kif l-ufficcju tal-Kummissarju tar-Refugjati li jagixxi taht il-patroncinju esklussiv tal-Kummissarju stess, mexa maghha f'dan ir-rigward;*

*Ghalhekk, u ghal dawn il-motivi fuq bazi ta' dawn il-premessi u spjegazzjonijiet, ir-rikorrenti, qieghda titlob umilment lil dan it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva illi jwettaq gustizzja maghhom, billi filwaqt illi:*

*a) Jipprovdilhom lok fejn huma jistghu jsemmghu lehinhom, permezz ta' smiegh xieraq sabiex jitwaqqaf kull abbuz amministrattiv li qieghed isir fil-konfront taghhom, jiddikjara u jikkonferma ukoll, illi d-decizjoni amministrattiva hijab la raguni u illi l-mod dwar kif ittiehdet, hija infondata fil-fatt u fid-dritt u hija bbazata fuq interpretazzjoni bla spjegazzjoni, skorretta ghall-ahhar u arbitrarja. Apparti minn hekk, illi tali decizjoni giet imposta fuqhom, kontra kull principju tal-gustizzja naturali hekk kif huma ma nghatawx din l-ittra ta' decizjoni fl-istess data tal-hrug tal-istess ittra u cioe' fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Settembru elfejn u sbatax (2017), u b'hekk cahhdulhom ukoll id-dritt ta' appell li seta' kien ikollhom f'dik ic-cirkustanza; u*

*b) Jiddikjara u jikkonferma, illi Kalyniuk Irina detentrici tal-permess ta' residenza Malti numru 151903A u binha Pankevych Liubomyr, detentur tal-permess ta' residenza Malti numru 121911A ghandhom jergghu jigu re-integrati fid-dritt assolut illi jibqghu jgawdu minn Protezzjoni Umanitarja Temporanja li kellhom."*

Ra r-risposta **tal-Kummissarju tar-Refugjati** pprezentata fit-23 ta' April 2018 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:-

*"(I) Illi fil-kawza odjerna r-rikorrenti qeghdin jillanjaw li fil-kaz taghhom id-decizjoni dwar il-protezzjoni umanitarja temporanja li ittiehdet fil-konfront taghhom hija infondata fil-fatt u fid-dritt;*

*(II) Illi in linea preliminari, l-azzjoni fil-konfront tal-esponent hija nulla stante li ma giex osservat dak rikjest fl-Artikolu 460 tal-Kap 12;*

*(III) Illi in linea preliminari ukoll, dan l-Onorabbli Tribunal m'ghandux il-Gurisdizzjoni sabiex jiddeciedi dwar ir-Rikors odjern stante li m'ghandux il-kompetenza sabiex jiddeciedi dwar il-materja in kwistjoni;*

*(IV) Illi in linea preliminari ukoll, l-Avukat Generali mhux notifikat bir-Rikors odjern ai termini tal-Artikolu 181B tal-Kap 12;*

*(V) Illi fil-konfront tal-mertu, subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti huma kollha infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda in kwantu fil-kaz tar-rikorrenti d-decizjonijiet li ittiehdu fir-rigward tal-ipprocessar tal-applikazzjonijiet taghhom huma gusti u ghalhekk jimmeritaw konferma;*

*(VI) Illi fi kwalunkwe kaz u bla pregudizzju ghas-suespost, l-esponent jirribatti li matul l-istadji kollha tal-ipprocessar tal-applikazzjonijiet u l-kaz tar-rikorrenti fir-rigward tat-talba ghall-asil, il-principji elenkati fil-provvedimenti tal-Kap 420 gew pjenament rispettati u dan kif se jirrizulta mit-trattazzjoni tal-kaz; apparti l-fatt li mhux minnu li r-rikorrenti ma kellhomx smigh xieraq*

*u/jew li l-kaz taghhom ma giex deciz skont il-ligi. Inoltre, ir-rikorrenti kienu debitament infurmati li setghu jappellaw id-decizjoni dwar it-talba taghhom ghall-asil lill-Bord tal-Appelli dwar ir-Refjugjati, pero jirrizulta li ghar-ragunijiet taghhom, ma intavolawx appell f'dan ir-rigward;*

*(VII) Illi l-esponenti tissottometti ukoll li fic-cirkostanzi odjerni l-allegazzjonijiet li kien hemm xi abbuz amministrattiv u/jew li d-decizjoni amministrattiva hija bla raguni u li l-mod dwar kif ittiehdet hija infondata fil-fatt u fid-dritt u/jew li hi skorretta u arbitrarja u/jew li giet imposta fuqhom kontra kull principju tal-gustizzja naturali u/jew ma inghatawx din l-ittra tad-decizjoni fiz-zmien relattiv u b'hekk cahdulhom ukoll id-dritt ta' appell,' m'humiex minnhom stante li fi kwalunkwe stajdu tal-process tal-applikazzjoni, ir-rikorrenti inghataw l-informazzjoni kollha mehtiega sabiex jkunu jistghu jiddefendu l-interessi taghhom anke permezz tal-ghajnuna legali u anke inghataw il-fakulta li jaghmlu s-sottomissjonijet taghhom fl-istadji kollha tal-procedura. Inoltre, ghandu jigi iccarat li l-protezzjoni umanitarja temporanja mhix dritt assolut u tinghata biss temporanjament fuq bazi ta' policy nazzjonali ghar-ragunijiet umanitarji. Fil-fatt, ma tigix imgedda awtomatikament u titwaqqaf ladarba ma jibqghux jissussistu r-ragunijiet umanitarji; bhal fil-kaz odjern ;*

*(VIII) Illi finalment ghandu jigi eccepit li l-fatt li l-ezitu tal-proceduri quddiem il-Kummissarju tar-Refjugjati ma kinux tali li jissodisfaw lir-rikorrenti, ma jfissirx li tali decizjonijiet bil-konkluzzjonijiet taghhom ma kinux gusti u/jew motivati u/jew skont il-ligi;*

*(IX) Illi ghar-ragunijiet fuq esposti fic-cirkostanzi odjerni, jirrizulta li l-esponenti osservat kemm id-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif ukoll il-principji tal-gustizzja naturali u iddecidiet il-kaz skont il-ligi. Konsegwentement, l-imsemmija decizjonijiet tal-kaz in kwistjoni huma korretti u gusti;*

*(X) Salv eccezzjonijiet ulterjuri, jekk ikun il-kaz.*

*Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq esposti l-esponenti titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Tribunal joghgbu jichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti kif dedotti fir-Rikors Promotur bhala infondati fil-fatt u fid-dritt; bl-ispejjez kontra r-rikorrenti."*

Ra illi t-tielet eccezzjoni tal-Kummissarju intimat ghandha tigi trattata b'mod preliminari stante li tolqot il-kompetenza ta' dan it-Tribunal;

Sema' t-trattazzjoni dwar l-istess eccezzjoni;

Ra li r-rikors gie mholli ghal sentenza dwar l-istess eccezzjoni.

**Ikkunsidra:**

Illi mir-rikors promutur jirrizulta illi r-rikorrenti u binha gew jghixu Malta mill-Ukraina u nghataw Protezzjoni Umanitarja Temporanja mill-Kummissarju intimat

sat-2 ta' Marzu 2018. Madankollu fis-16 ta' Frar 2018 hija giet infurmata permezz ta' ittra datata 27 ta' Settembru 2017 illi fl-opinjoni tal-Kummissarju intimat ir-ragunijiet li abbazi taghhom hi u binha inghataw il-Protezzjoni Umanitarja ma kinux ghadhom jissussitu. Ghaldaqstant ir-rikorrent hassitha aggravata bl-istess decizjoni.

**Ikkunsidra:**

Illi permezz tat-tielet eccezzjoni tieghu il-Kummissarju intimat eccepixxa illi dan it-Tribunal m'ghandux il-gurisdizzjoni sabiex jiddeciedi t-talbiet tar-rikorrenti stante li m'ghandux kompetenza jiddeciedi l-materja in kwistjoni.

Illi l-**kompetenza ta' dan it-Tribunal** tinsab delinejata f'artikoli 5, 7 u 25 (2) tal-Kapitolu 490 tal-Ligijiet ta' Malta (Att Dwar il-Gustizzja Amministrattiva), li jghidu is-segwenti:-

Artikolu 5 *"(1) Qiegħed jigi stabbilit skond id-disposizzjonijiet ta' din it-Taqsima ta' dan l-Att tribunal indipendenti u imparzjali, li jkun magħruf bħala t-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva, bl-iskop li jkun jista' jirrivedi atti amministrattivi istitwiti quddiemu skond dan l-Att jew kull liġi oħra, u bl-iskop tal-eżerċizzju ta' kull kompetenza ohra attribwita lit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva b'din il-liġi, jew taħt din il-liġi, jew xi liġi oħra, kemm qabel kemm wara li jidħol fis-seħħ dan l-Att.*

*(2) It-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva ma jkollux kompetenza ġenerali li jirrevedi atti amministrattivi li jistgħu jiġu riveduti skont l-artikolu 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili iżda* ***jkollu l-kompetenza li jirrevedi dawk l-atti amministrattivi kif jista' jiġi preskritt f'dan l-Att jew taħtu jew kull liġi oħra li tistabbilixxi l-kompetenza tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva fuq xi klassi ta' atti amministrattivi."***

Artikolu 7 *"It-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva għandu jkun kompetenti li jirrivedi atti amministrattivi tal-amministrazzjoni pubblika fuq punti ta' liġi u ta' fatt. It-Tribunal ikun ukoll kompetenti li jiddeċiedi tilwimiet li jiġu riferiti lilu kemm-il darba ma jkunx hemm xi qorti jew tribunal amministrattiv ieħor li jkun diġà qiegħed jieħu konjizzjoni ta' dik it-tilwima."*

Artikolu 25 (2) *"It-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva għandu minn issa 'l quddiem ikollu l-kompetenza li kellhom il-persuni, korpi u tribunali amministrattivi msemmija fil-liġijiet elenkati fit-Tielet Skeda, qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan l-artikolu."*

Illi t-Tribunal josserva illi ai termini tal-Kapitolu 420 tal-Ligijiet ta' Malta (Att Dwar ir-Refugjati) persuna aggravata b'decizjoni tal-Kummissarju intimat tista' tipprezenta appell mil-istess decizjoni fi zmien hmistax-il gurnata quddiem il-Bord ta' l-Appelli dwar ir-Refugjati. It-Tribunal ha kont tas-sottomissjonijiet maghmula mid-difensur tar-rikorrenti u cioe` illi hawnhekk ma hemmx talbiet imsejsin fuq l-

artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, izda l-istess talbiet huma msejsin fuq il-principji tal-gustizzja naturali.

Illi filwaqt li t-Tribunal japprezza l-aggravju tar-rikorrent, josserva illi l-imsemmi Bord ta' l-Appelli dwar ir-Refugjati huwa hu nnifsu Tribunal Amministrattiv u dan skond l-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 490 tal-Ligijiet ta' Malta (Att dwar il-Gustizzja Amministrattiva). Kwindi il-Kapitolu 420 tal-Ligijiet ta' Malta waqqaf tribunal amministrattiv *ad hoc* biex jiddetermina appelli minn decizjonijiet tal-Kummissarju intimat u kwindi dan it-Tribunal ma jistghax juzurpa kompetenza ta' tribunal amministrattiv iehor.

Ghaldaqstant id-decizjoni appellata ma tistghax tigi sindakata minn dan it-Tribunal izda mill-Bord ta' l-Appelli Dwar ir-Refugjati.

Illi ghaldaqstant it-Tribunal huwa tal-fehma illi huwa ma ghandux kompetenza jippronunzja ruhu fuq id-decizjoni appellata, izda huwa l-Bord imsemmi li ghandu kompetenza jaghmel dan.

Ghalhekk, in vista tal-emendi li dahlu in vigore fil-15 ta' Frar 2016 permezz tal-Att IV tal-2016, it-Tribunal se jaghmel dak mitlub minnu ai termini tal-*proviso* ta' artikolu 741 (b) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jaqra s-segwenti:-

*"Iżda jekk il-qorti tikkunsidra li l-eċċezzjoni hi ġustifikata, il-qorti għandha, permezz ta' digriet in camera, li ma jkunx appellabbli, tordna li l-atti tal-proċeduri jiġu trasferiti lill-qorti, bord jew tribunal li l-qorti tikkunsidra li għandhom jieħdu konjizzjoni ta' dik il-kawża."*

Ghaldaqstant, filwaqt li t-Tribunal qieghed jiddikjara ruhu inkompetenti biex jiehu konjizzjoni tat-talbiet tar-rikorrenti u ghaldaqstant jilqa' t-tielet ccezzjoni tal-Kummissarju intimat, jordna li l-atti ta' dawn il-proċeduri jiġu trasferiti lill-Bord ta' l-Appelli Dwar ir-Refugjati sabiex jiehu konjizzjoni taghhom.

Dan id-digriet ghandu jigi komunikat lil Dr. Nicholette Schembri u Dr. Roma D'Alessandro.

Bl-ispejjez ta' din l-istanza a karigu tar-rikorrenti.

**Magistrat Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**